MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 287/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Richard Sacco**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tas-7.00 p.m., f'dawn il-Gzejjer
1) hedded lil Marcelle Sacco li kien bi hsieb li ser joqtolha;
2) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mill-Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D datata 26 ta' Mejju, 2008, liema sentenza hija wahda definittiva w li ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 339(1)(d), 49 u 50 tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni, waqt li ma sabitux hati tat-tieni akkuza w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 t'Otturbu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni w fit-tieni lok tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati tat-tieni parti tal-akkuza w konsegwentement tilliberah minn kull htija w imputazzjoni w alternattivament, f'kaz li ssib htija, tvarja s-sentenza billi tnaqqas il-piena stante li l-appellant ma jimmeritax habs.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li kien jikkonsisti fis-segwenti :-

1. Illi l-fatti qeghdin jigu kkontestati bil-qawwa kollha stante illi l-appellant qatt ma waqqaf lill-martu mkien wisq inqas dik il-gurnata w dak il-post zgur li ma heddidx lill-istess martu, anzi ser jigi ppruvat illi dik il-gurnata l-appellant f'dak il-hin kien f'lok differenti;
2. illi di piu' w minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti ssib lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, l-appellant jissottometti illi l-piena hija esagerata w ghandha tigi mnaqqsa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Marcelle Sacco w tal-appellant innifsu fis-seduta tal-lum li minnha rrizulta li l-allegazzjoni ta' Marcelle Sacco hija li fid-data w il-hin in kwistjoni kien hemm diverbju bejnha w bejn l-appellant gewwa *"Kennedy Grove",* fejn hi waqfet bil-karozza ghax qalet li kien qed isegwiha zewgha w li dan hareg mill-karozza w li fost affarijiet ohra qallha "*Il-lejla sejjer noqtlok".*

Din l-allegazzjoni hija michuda kompletament mill-appellant illi jghid li dak inhar filghaxija, ghalkemm kien bi

hsiebu jippedina lill-martu biex jara jekk hux vera li dak li kienu qed jghidulu t-tfal - u cioe’ li kienet qed tehodhom jorqdu ghand il-*boyfriend* taghha l-Imsida - pero’, f’ebda hin ma kien segwiha fit-triq taghha mill-Mellieha ghall-Imsida.

Ikkonsidrat;

Illi hemm konflitt serju fil-provi w ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-akkuza taht l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata w konsegwentement l-appellant ghandu jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza li hedded lill-martu w minflok tiddikjarah mhux hati taghha w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------